# L-iskultura *Speed* ta' Sciortino għall-wiri fl-Olanda

**Stqarrija | 2 ta' Marzu 2023**

L-iskultura tal-bronż *Speed* tal-artist Malti Antonio Sciortino se tkun għall-wiri għal sitt xhur fl-Olanda. Din hija l-ewwel darba li mużew barrani talab lil Heritage Malta tisilfu biċċa xogħol ta' Sciortino speċifikament, u b'mod partikolari *Speed*, li jixhed il-fama internazzjonali li jgawdi l-iskultur.

*Speed*, li hija parti mill-kollezzjoni ta' MUŻA, se tkun esebita mill-4 ta' Marzu sat-3 ta' Settembru fid-Design Museum Den Bosch fil-belt ta' 's-Hertogenbosch, fejn se tifforma parti mill-wirja *Faster, Better, more Beautiful: The Form of Progress*. Il-wirja hi dedikata lill-filosofija wara l-kunċett tal-istreamlining, wieħed mill-aktar prinċipji importanti tad-disinn fiż-żminijiet moderni, u tinkludi artefatti mill-Olanda u lil hinn.

*Speed*, li tlestiet fl-1937, turi persuni rekbin żwiemel ilebbtu, bil-ħeffa tħalli warajha forza qawwija fid-direzzjoni opposta. Jingħad li din l-iskultura kienet għal qalb Sciortino mhux ftit. Il-Gvern Malti xtraha f'Ġunju tal-2014 bħala rigal lill-pubbliku biex ifakkar il-50 anniversarju ta' Jum l-Indipendenza, l-40 anniversarju ta' Jum ir-Repubblika, il-35 anniversarju ta' Jum il-Ħelsien, u l-10 anniversarju tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Artefatt ieħor minn MUŻA li bħalissa hu misluf minn Heritage Malta huwa l-istudju *Figura Maskili Bilwieqfa* ta' Vittore Carpaccio. Bejn l-20 ta' Novembru 2022 u t-12 ta' Frar 2023, ġie esebit fil-Gallerija Nazzjonali tal-Arti f'Washington DC, l-Istati Uniti, filwaqt li mit-18 ta' Marzu sat-18 ta' Ġunju se jkun għall-wiri fil-Palazzo Ducale ta' Venezja, l-Italja. Ix-xogħol ta' Carpaccio ntalab biex jifforma parti mill-wirja *Vittore Carpaccio: Master Storyteller of Renaissance Venice*, li qed tittella' f'żewġ kontinenti u li qed tiġi organizzata mill-Gallerija Nazzjonali tal-Arti ta' Washington u l-Fondazione Musei Civici ta' Venezja.

It-tpinġija mislufa minn Heritage Malta saret bi tħejjija għax-xena 'Il-Wasla tal-Ambaxxaturi' mis-serje 'Il-Ħajja ta' Sant'Ursola', li kienet tikkonsisti f'sensiela ta' pitturi kbar fuq it-tila kkummissjonati mill-familja Loredan. Oriġinalment kienu saru għall-Iskola ta' Sant'Ursola f'Venezja, li kienet taħt il-patrunaġġ tal-familja Loredan, iżda llum wieħed jista' jammirahom fil-Gallerie dell'Accademia f'Venezja.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta